MAIN LIB

# UNIVERSITY OF MALTA GAZETTE

SUPPLEMENT No. 5 Volume 23 No. 4 DECEMBER 1991

## TAĦDITA LI SARET MILL-PROFESSUR OLIVER FRIGGIERI, IL-KAP TAD-DIPARTIMENT TAL-MALTI F'JUM IL-GRADWAZZJONI TAT-22 TA' NOVEMBRU, 1991

*Kanċillier, Onorevoli Miniştru, Rettur, sinjuri,*

Dan hu jum l-istudenti u jixraq li dawn il-kelmtejn ikunu fuqhom u lilhom. Illum niftakru fit-tagħlim li huma ħadu minn għandna, iżda llum irrid nistqarr kemm jien innifsi tgħallimt mill-istudenti.

Mingħandkom, gradwati ġodda, tgħallimt li intom għadkom ma tħassartux mill-interessi u mill-ambizzjonijiet tagħna l-kbar, għad li għandkom ċans kbir li tagħmlu bħalna. Tgħallimt li lilna tgħallmuna dak li aħna aktarx m'għallimnikomx: kif tħobbu tassew lil art twelidkom, bla ma tħossu li intom inqas minn ħaddieħor, kif tatkom x'tifhmu s-sistema edukattiva tagħna.

Tgħallimt li fikom hemm kuxjenza ġdida b'riżq l-ambjent li minħabba l-flus aħna l-kbar qegħdin neqirdulkom darba għal dejjem, wirt naturali li ma jerġa' jiġi qatt. Tgħallimt li intom intbaħtu li dan hu pajjiż miġnun li qiegħed jeqred lilu nnifsu, u tafu tibku din it-telfa. Aktar ma Malta ċkejkna tiċkien, aktar se tikber ix-xewqa tal-ftuħ, tal-ħarba, imqar bid-droga; se jikbru n-nervożiżmu u l-klawstrofobija li jiżvugaw fil-vjolenza. F'Malta wkoll il-kriminalità m'għadhiex monopolju ta' l-adulti. Tgħallimt li l-għaqdiet li waqqaftu huma kollha b'riżq ħaddieħor u mhux fl-interess persunali tagħkom. Tgħallimt kemm tafu fuq in-natura, kemm għandkom kuraġġ taqbżu għall-annimali maħqura li ħadd mill-istituzzjonijiet ma jaqbeż għalihom, u la l-gvern u lanqas il-knisja li sikwit taħqarhom hi stess fil-festi u tbierek il-moħqrija. Tgħallimt kemm intom imgħarrfin dwar il-flora u l-fawna tal-gżira. Tgħallimt kemm tħossu d-dmir li tgħinu lit-tielet dinja, bla ma ssibu l-għarfien u l-għajnuna li jixirqilkom. Tgħallimt ħafna ħwejjeġ oħra u llum inħoss li se niggradwa jien ukoll.

Nixtieq nitlobkom ma tidħlux fl-għadira ta' ilma-qiegħed ta' din is-soċjetà. Jeħtieġ li tkunu intom li ċċaqalqu l-ħsieb rieqed, tqanqlu l-qlub biex iħossu, tieħdu t-tmun f'idejkom u tressquna lejn jum ġdid. Laqatni ħafna x-xettiċiżmu ta' bosta minnkom, iċ-ċiniżmu li bih tħarsu lejn is-soċjetà u d-daħk li bih tisimgħu din il-kaxxa infernali ta' kliem li tisplodi madwarna u li ma tfisser xejn. F'art fejn il-kliem hu mħawwad, fejn il-kelma qajla hi stmata jew imfissra

tajjeb, tistgħu tkunu intom li tgħidu kelma ġdida. Għiduha dil-kelma, bla ma tibżgħu minn ħadd ħlief mill-kuxjenza tagħkom. Timxu ma' ħadd ħlief weħidkom ma' Alla tagħkom, tistennew it-tifħir ta' ħadd ħlief tal-leħen ta' ġewwa fikom. Qisu li ma togħġbux lil kulħadd u serrħu raskom li jkollkom l-egħdewwa u ma tkunux nies ta' kull staġun, bażar li ssiblu minn kollox.

L-istudenti tiegħi u dawk kollha li kelli x-xorti li nsir naf fostkom jafu kemm tħadditna flimkien dwar il-falzità ta' pajjiżna, dwar il-qerda mgħaġġla ta' kulma hu Malti, dwar il-vizzji tal-kalma, tal-paċi, tat-tolleranza, ta' l-apatija, tal-kwiet. Lill-gradwati fl-istudji reliġjużi nitlobhom jeħduna lura lejn l-għajb ta' Betlem u mhux lejn it-tlellix fieragħ ta' Ruma. Lin-nutara pubbliċi nitlobhom igħallmuna kemm sikwit huma 'l bogħod minn xulxin il-liġi u l-ħaqq, u kemm sikwit il-liġi hi trijonf ta' l-inġustizzja. Lid-diplomatiċi nitlobhom juruna kemm il-verità u l-etikett huma sikwit egħdewwa ta' xulxin, u kemm il-prudenza u l-fedeltà sikwit huma vizzji kriminali. Lill-gradwati fl-istudji soċjali applikati nitlobhom tassew jiftakru kemm hawn nies imbikkma u msikkta f'din is-soċjetà fejn l-istituzzjonijiet iħambqu l-ħin kollu bejniethom bla ma jħallu lil ħadd jinstema'; nitlobhom jiftakru fil-problemi soċjali li huma riżultat dirett ta' l-edukazzjoni, tal-kultura, tal-preġudizzji politiċi, razzjali u reliġjużi li ninsabu mgħaddsin fihom. Nitlobhom ifittxu lin-nies li waqgħu fit-triq u li jintrifsu l-ħin kollu. Lill-gradwati ta' l-arti nitlobhom inisslu ftit poeżija f'dan il-pajjiż li qiegħed isir monotonu dejjem aktar; nitlobhom joħorġu bħal żgħażagħ ta' artijiet oħrajn fit-toroq u fl-imsieraħ u jkantaw għanjiet li jmissulna qalbna, jirreċtaw poeżiji li jċaqalquna. Aqbdu l-kitarri tagħkom, l-istrumenti mużikali tagħkom u oħolqulna pajjiż li jemmen f'xi ħaġa oħra minbarra fil-liġi tal-qligħ.

Hemm xi ħaġa li qiegħda xxekkel lir-ruħ Maltija. Forsi nsejna li aħna Mediterranji, bħal ħutna l-Għarab u l-Ewropej. Forsi għadna ma nafux min aħna u għalhekk lanqas nistgħu nagħarfu lil ħaddieħor.

Nitlobkom ma temmnux fil-paċi qabel ma jkun l-ilsir li jgħidilkom li jinsab ħieles. Nitlobkom tidħku bl-appelli għall-paċi u għall-għaqda għaliex il-paċi u l-għaqda jiġu b'riformi mill-qiegħ u mhux bi kliem ta' l-okkażjoni li jlissen min ma huwiex imġarrab. Nitlobkom ma temmnux fil-ġustizzja qabel ma mmorru l-ġenna. Nitlobkom ma temmnux li sirna stat qabel ma nkunu sirna nazzjon. Nitlobkom ma temmnux li l-poplu Malti hu sovran qabel ma jkun hu li jieħu l-mikrofonu f'idejh u jitkellem hu. Nitlobkom ma ssirux partiġġjani fanatiċi, iżda tgħallmuna kif inkunu nisa u rġiel sħaħ. Nitlobkom tidħku bil-ġugarelli tas-soċjetà Maltija, tiksru r-regoli ħżiena, ma tobdux kull ordni li hi dubjuża, nitlobkom tisfidaw l-istrutturi soċjali li m'humiex xierqa, nitlobkom

tinkwetaw ħafna, tħossu ħafna u tirrabjaw ħafna. Nittama li ntbaħtu li l-maturità li wieħed jikseb f'Università hi l-ħila li jistaqsi, jiddubita, jikkritika bil-għaqal, jistħarreġ u ma jemminx malajr; hi wkoll il-ħila li jkun skomdu u imbarazzanti kull meta jkun meħtieġ. Il-maturità hi sikwit il-kuntrarju tal-prudenza. Nawguralkom tgħaddu inkjesta u tiġu fl-inkwiet kull meta jkun hemm bżonn għal kawża tajba.

Ilkoll, teoloġi, nutara, diplomatiċi, soċjoloġi, letterati tistgħu tħarsu lejn l-art u taraw in-nies taħt riġlejkom. Hawn ħafna nies mirfusa f'din ir-roqgħa art. Ilkoll tistgħu terfgħu lil min waqa', tagħtu leħen lil min immuta, tirfdu bil-kuraġġ lil min is-soċjetà tellfitu l-fiduċja fih innifsu. Malta wkoll għandha d-deżerti u l-boskijiet u l-egħrien tagħha fejn hemm in-nies moħbija. Malta wkoll għandha distanzi kbar bejn bniedem u ieħor. Malta li tidher ħamra jew blu hi sikwit ħadra. Ħaddruha intom bil-lewn taż-żgħożija tagħkom u stennew li tkunu mweġġgħa. U meta tweġġgħu għidu: illum sirt mara, illum sirt raġel.

Dan kollu jidher qisu xi lezzjoni oħra, iżda m'huwiex. Dan kollu tgħallimtu jiena minn għandkom bla ma ndunajtu. Tajtuhuli intom matul das-snin u llum irrid irroddulkom lura.